

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2007

li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll ta' salmunella f'qatgħat ta' tiġieġ *Gallus gallus* li jbidu

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6100)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/848/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-salmunella u aġenti zoonotiċi oħra speċifikati li jkun hemm ġewwa l-ikel ⁽¹⁾ u, b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu;

Billi:

- (1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-salmunella u aġenti zoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, sabiex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju li dawn ifissru għas-saħħa pubblika.
- (2) It-tir tal-Komunità ġie stabbilit għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' kull serotip tas-salmunella b'sinifikat għas-saħħa pubblika f'qatgħat *Gallus gallus* li jbidu fil-livell ta' produzzjoni primarja mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1168/2006 tal-31 ta' Lulju 2006 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fir-rigward ta' mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-salmunella f'qatgħat ta' tiġieġ *Gallus gallus* li jbidu u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1003/2005 ⁽²⁾.
- (3) Sabiex il-Komunità tikseb il-mira tagħha l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmunella f'qatgħat *Gallus gallus* li jbidu u jressquhom lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

- (4) Ċerti Stati Membri ressqu l-programmi nazzjonali tagħhom għall-kontroll tas-salmunella f'qatgħat *Gallus gallus* li jbidu.
- (5) Dawn il-programmi nstabu li huma konformi mal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Komunità u b'mod partikolari mar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.
- (6) Il-programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom għalhekk jiġu approvati.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmunella f'qatgħat *Gallus gallus* li jbidu mressqa mill-Istati Membri mniżżla fl-Anness huma approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1237/2007 (ĠU L 280, 24.10.2007, p. 5).

⁽²⁾ ĠU L 211, 1.8.2006, p. 4.

ANNEX

L-Awstrija
Il-Belġju
Il-Bulgarija
Ir-Repubblika Ċeka
Ċipru
Id-Danimarka
L-Estonja
Il-Finlandja
Franza
Il-Ġermanja
Il-Greċja
L-Ungerija
L-Irlanda
L-Italja
Il-Latvja
Il-Litwanja
Il-Lussemburgu
L-Olanda
Il-Polonja
Il-Portugall
Ir-Rumanija
Is-Slovenja
Is-Slovakkja
Spanja
L-Iżvezja
Ir-Renju Unit
